MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 201/2008

**Robert Forace (KI Nru 226649M)**

**Vs**

**Jayne Zammit (IK Nru 194298(M)**
**u Stephen Zammit (KI 19608(A)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu ikkundannati li jhallsu lill-attur is-somma ta’ disghat elef, hames mija u erbgha u sittin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€9564.41), ammont lilu dovut in konnessjoni ma’ xoghol ta’ tqieghed ta’ *partitions* u xoghol iehor ancillari fil-fond 156, ‘Alternative Therapy’, 21st September Avenue, Naxxar.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data li l-pagament kien dovut, sa l-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti (fol 4 tal-atti) u li biha esponew bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante illi x-xogholijiet maghmula mill-attur fil-fond 156, Alternative Therapy, 21st September Avunue, Naxxar, saru fis-sena 2004;
2. Ili in linea sussidjarja, u assolutament minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante illi huwa assolutament inveritier illi hemm xi ammont dovut mill-eccipjenti, kif pretiz mill-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-ewwel (1) eccezzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-artikolu citat fl-eccezzjoni in esami cjoe l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili jghid illi l-azzjonijiet ta' persuni fosthom bennejja, bajjada u ta' persuna ohra li jahdmu minn sengha ghall-prezz tal-opri jew bix-xoghlijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu, huwa preskritti bit-trapass ta' <u>tmintax-il (18) xahar</u>. F'dan il-kaz, l-attur qed jitlob l-ammont pretiz minnu in konnessjoni ma' xoghol skond kif deskritt a fol 26 tal-atti cjoe xoghol ta' tqeghid ta' 'partitions', tibjid, 'plumbing'. Konsegwentement dan il-kaz jinkwadra ruhu taht l-artikolu hawn fuq citat.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dejjem in rigward l-eccezzjoni in esami il-konvenut xehed (fol 14 tal-atti) illi l-imsemmija xogholijiet kienu fil-fatt, esegwiti mill-attur fil-post mikri lilu u martu bejn l-

ahhar ta' Jannar 2004 sa madwar l-ewwel (1) ta' April 2004. Skond l-istess konvenut kien gie miftiehem mal-attur illi dan l-ahhar kellu jithallas Lm250 ghall-istess xogholijiet, liema pagament kien sar fi flus kontanti. L-istess konvenut sema' illi l-attur kien, precedentement mizzewweg mal-konvenuta u din kellha pretenzjoni kontra l-istess attur in konnessjoni ma hlas ta' manteniment vis-à-vis binhom minuri. Pero, ma kien jissusisti l-ebda ftehim, bejn il-partijiet, in rigward tpacija bejn l-ammont dovut lill-attur dwar ix-xogholijiet in esami u l-manteniment imsemmi. In rigward il-konvenuta (fol 20 ibid) din ikkonfermat dak kollu li xehed il-konvenut, zewgha u eskludiet ukoll li hi kienet giet rinfaccjata mill-attur b'xi fattura dwar l-ammont pretiz mill-attur. Hi xehedet ukoll illi kull pagament li sar lill-attur kien gie effettivament sabiex jkopri l-ispejjes ta' materjal inkorsi mill-attur.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 23 et seq ibid) jsostni illi meta lesta x-xoghol, hu kien ta' lill-konvenuti l-kont relattiv u hu jsostni illi '… jiena kont pacejt l-istess kont bi ftehim verbali bejn il-partijiet ma ammont li kien dovut minni u li ma stajtx inhallas in konnessjoni ma' manteniment'. Sussegwentement hu kien gie notifkat b'ittra ufficjali in konnessjoni mal-manteniment dovut u din presentata fis-26 ta' Frar 2008 (ara fol 27 ibid) kif ukoll rinficcjat b'bejgh b'subasta kif jidher mir-rikors anness a fol 29 ibid segwit bi cedola ta' depositu kif jirrisulta a fol 29 ibid.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-istess eccezzjoni, din il-Qorti kif presjeduta, dejjem, meta setghet, interpretat u applikat l-istitut tal-preskrizzjoni favur il-kredituri sabiex, kemm jista' jkun, jigi evitat illi debitur jevadi hlas ta' debitu.

Illi, pero', f'dan il-kaz ghandha kreditur li, bl-ebda mod skond il-ligi ma hax il-passi skond il-ligi, neccesarji sabiex jigi interrott il-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli. Fil-fatt l-ewwel att gudizzjarju f'dan il-kaz jidher li kien ir-rikors in esami presentat fl-14 ta' Mejju 2008 waqt li l-allegat

kreditu favur tieghu seta' jintalab minnu, b'att gudizzjarju wara l-ewwel (1) ta' April 2004, trapass ta' madwar erba' (4) snin.

Illi,mid-dehra, l-attur strah fuq l-allegat ftehim ta' tpacija bejnu w il-konvenuti. Pero dwar dan, ma tistax ma ssirx referenza ghall-artikolu 1233 tal-Kodici Civili fejn jinghad illi kull transazzjoni trid – piena ta' nullita' ssir b'att pubbliku jew skrittura privata waqt li l-allegat ftehim kien sar biss verbalment. Inoltre l-artikolu 1199© ibid, espressament, jghid illi tpacija ma tistax issir meta trattasi ta' dejn li jirreferi ghal mantenimnet li ma jkunx soggett ghal sekwestru. Konsegwentement f'dan il-kaz ma jistax jinghad illi kien hemm xi forma ta' sospensjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni.

Ikkunsidrat

Illi minhabba dak premess, il-Qorti anke jekk b'certa rilattanza, trid, bilfors, takkolji l-ewwel (1) eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' l-ewwel (1) eccezzjoni u tiddikjara l-azzjoni in esami bhala estinta. In rigward l-ispejjes, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, dawn ghandhom jibqghu bla taxxa bl-ispejjes tar-Registru jithallsu nofs (1/2) mill-attur u nofs (1/2) mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------